# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 4 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 26**

**Rikors numru 410/19/1 GM**

**Daniel Farrugia għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefra Eve Farrugia**

**v.**

**BNF Bank plc ġia` Banif Bank plc (C 41030)**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell min-naħa tal-attur *nomine* minn sentenza ta' ritrattazzjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-7 ta' Diċembru, 2021, li permezz tagħha l-Qorti laqgħet it-tieni u s-sitt eċċezzjonijiet tal-Bank ritrattat u ċaħdet it-talbiet tal-attur ritrattand, bl-ispejjeż kontra l-attur ritrattand.

2. Għall-intendiment aħjar ta' dan l-appell, il-Qorti qegħda tirriproduċi fis-sħiħ s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

> "Rat ir-Rikors ta' Ritrattazjoni ta' Daniel Farrugia detentur tal-karta tal-identita` 557879M ta' 'Huddersfield', Triq Kananea, Ħ'Attard, Malta għan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefra Eve Farrugia detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numri 502475M li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :
>
> Permezz ta' Rikors Ġuramentat Nru. 601/2017 tat-3 ta' Lulju 2017 il-Bank konvenut għar-raġunijiet hemm esposti talab bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:
>
> 1. Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini ta1-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> 2. Tiddikjara li l-konvenuta saret debitriċi tal-kumpannija attriċi fl-ammont ta' €426,701.10.
>
> 3. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-kumpannija attriċi l-ammont komplessiv ta' €426,701.10.
>
> Bl-ispejjeż, *bank charges and fees* u bl-imgħaxijiet mit-9 ta' Ġunju 2017 sad-data tal-pagament effettiv.
>
> Permezz ta' sentenza tal-5 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet Banif Bank (Malta) Plc (C41030) vs Farrugia Eve bin-numru ta' referenza 601/2017 din il-Qorti ddeċidiet hekk:
>
> 1. Laqgħet l-ewwel talba u ddeċidiet l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12.
>
> 2. Iddikjarat illi r-rittrattanda Eve Farrugia hija debitriċi tal-bank ritrattat fl-ammont ta' erba' mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u wieħed ewro u għaxar ċenteżmi (€426,701.10).
>
> 3. Konsegwentement ikkundannat lill-istess Eve Farrugia sabiex tħallas is-somma ta' erba' mija u sitta u għoxrin elf, seba' mija u wieħed ewro u għaxar ċenteżmi (€426,701.10) bl-imgħax legali dekorribbli mid-9 ta' Ġunju 2017 sad-data tal-pagament effettiv; u
>
> 4. Ordnat li l-ispejjeż kollha ta' dik il-kawża jitħallsu mir-rittrattanda Eve Farrugia.
>
> Sussegwentament ġew istitwiti proċeduri tas-subbasta fl-ismijiet BNF Bank p.l.c. C41030 vs Eve Farrugia (K.1.502475M) bin-numru ta' referenza l/2019 sabiex jinbiegħu immobbli li kienu ġew ipotekati favur l-istess bank.

L-esponenti ma ġietx validament notifikata skont il-liġi bil-proċeduri sureferiti. Hi tgħix ġewwa l-Italja u ilha assenti minn dawn il-gzejjer mis-sena 2010. Hija ma ġiet qatt notifikata bill-proċeduri sureferiti u l-ewwel darba li inġabet a konjizzjoni tagħhom kien proprju meta l-familjari tagħha infurmawha li kienet intbagħtet ittra mil-Perit Marvin Ellul fejn talab li jsir aċċess ġewwa l-immobbli li kienu ipotekaħ favur l-bank. Sussegwentament hija għamlet ir-riċerka rellattiva u skopriet il-proċeduri sureferiti.

L-esponenti jirritjeni illi hemm lok għar-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawża a bazi tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe` illi l-imsemmija sentenza ingħatat meta r-rikors ġuramentat ma ġiex debitament notfikat lill-esponenti.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi Eve Farrugia ma ġietx validament notifikat bl-atti tal-kawża deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet Banif Bank (Malta) Plc (C41030) vs Farrugia Eve bin-numru ta' referenza 601/2017 u għalhekk hemm lok għal ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijet ta' Malta;

2. Tirrexxindi s-sentenza tal-5 ta' Novembru 2018 imsemmija fl-Ewwe1 Talba; u

3. Tordna r-rittrattazjoni tal-kawża imsemmija fl-Ewwel Talba.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' BNF Bank plc li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. Ma jidher minn imkien li Daniel Farrugia għandu interess ġuridiku fil-kawża odjerna u dan stante li m'hemm xejn x'juri li hu responsabbli għad-dejn t'Eve Farrugia mal-esponenti, jew inkella li l-istess Eve Farrugia qatt awtoriżżatu jibda tali kawża.

2. Eve Farrugia iddekadiet mid-dritt li titlob ritratazzjoni, stante li bejn id-data tas-sentenza mill-kawża 601/2017 JPG, ossija l-5 ta' Novembru 2018 u l-preżentata tal-kawża odjerna, ossija s-26 t'April 2019, għaddew aktar mit-tliet xhur stabbiliti mil-Liġi. Kif ser jintwera waqt it-trattazzjoni tal-kawża, għal dan taħti għalih Eve Farrugia biss u dan stante li hi kienet taf bl-intenzjoni tal-esponenti li din se tmexxi legalment jekk id-dejn jibqa' ma jitħallasx, iżda minflok Farrugia injorat kollox.

3. Mhuwiex minnu li Eve Farrugia ilha nieqsa minn Malta sa mill-2010, tant li fl-24 t'April 2017, biss ftit żmien qabel ma nbdiet il-kawża numru 601/2017 JPG, hi kienet saħansitra attendiet personalment għal laqgħa ma' rappreżentanti tal-esponenti biex

tiddiskuti kif ser tħallas dejnha lura u qablet bil-firma tagħha li kienet qed tirċievi statements Bankarji fir-rigward (ara Dok. 'A').

4. Fil-kuntatti li Eve Farrugia kellha mal-esponenti fil-perjodu msemmi, inkluż fil-laqgħa msemmiha, fl-ebda mument ma semmiet li mhix qed tirrisjedi f'Malta.

5. Il-faċilitajiet online bl-isem ta' Credit Info u MACM juru li l-indirizz preżenti ta' Eve Farrugia hu f'numru 25, Triq Castro, Naxxar (ara Dok. 'B' u Dok. 'C' rispettivament). Dan hu konsistenti ma' dak li jingħad fil-credit agreements u l-kuntratti notarili magħmulin bejn l-esponenti u Eve Farrugia (ara Dok. 'D' sa Dok. 'G') u mal-Karta tal-Identita ta' Eve Farrugia (ara Dok. 'H').

6. Mhuwiex minnu li Eve Farrugia ma ġietx notifikata bir-rikors ġuramentat numru 601/2017 JPG, stante li tali notifika saret bil-proċedura kontemplata taħt Art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ara Dok. 'I', u dan wara li l-esponenti ġiet awtorizzata tagħmel dan minn din l-Onorabbli Qorti stess, kif diversament presjeduta. Din il-Qorti kienet sodisfatta li r-rikors ġuramentat ġie notifikat skont il-Liġi u b'hekk kompliet tisma' l-kawża sakemm eventwallment fil-5 ta' Novembru 2018 waslet għas-sentenza tagħha (ara Dok. 'J'). In vista ta' dan m'hemmx lok għal rexissjoni ta' din is-sentenza u atti oħra segwenti u konsegwentement għar-ritratazzjoni ai termini tal-Artikolu 811(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif mitlub.

7. L-esponenti saret taf li Eve Farrugia possibbilment mhix qed tirrisjedi f'Malta, biss riċentement u dan meta pruvat tinnotifikaha bir-rikors numru 01/2019 għall-bejgħ bis-subbasta t'immobbli preżentat kontriha. Peress li l-esponenti mhix a konoxxenza tal-indirizz barrani preżunt ta' Eve Farrugia u sabiex tara li l-Liġi tiġi osservata żgur, l-esponenti talbet il-ħatra ta' kuraturi deputati permezz ta' rikors tal-11 t'April 2019 liema rikors għad ma ġiex dekretat (ara Dok. 'K');

8. Jekk *dato ma non concesso*, wieħed kellu jaċċetta li Eve Farrugia marret tgħix barra minn Malta, dan jaħdem kontra u mhux favur l-istess Farrugia. Stante d-dejn li għandha mal-esponenti, kien jinkombi fuq Eve Farrugia li jżomm lill-istess esponenti kontinwament infurmata dwar ir-residenza tagħha, sabiex l-esponenti tkun taf fejn tista' ssibha. Dan Eve Farrugia m'għamlitux u tali nuqqas mhu xejn għajr sinjal tar-rieda tagħha li tipprova tqarraq u taħrab mir-responsabilta` tagħha li tħallas dejnha lura.

Rat li l-ewwel eċċezzjoni ġiet irtirata permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija ta' BNF Bank plc u għalhekk mhix sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Semgħet ix- xhieda bil-ġurament.

Rat il-proċess numru 601/17JPG fl-ismijiet Banif Band (Malta) plc v Eve Farrugia.

Rat  l-atti kollha tal-każ.

**Ikkunsidrat:**

Din hija kawża ta' ritrattazzjoni abbażi ta' nuqqas ta' notifika tal-konvenuta. Fl-istanza preżenti l-attriċi qed titlob ir-ritrattazzjoni fit-termini tas-subinċiż (b) tal-Artikolu 811. Dan id-dispost jippreskrivi bħala raġuni l-każ fejn "iċ-ċitazzjoni ma tkunx ġiet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża."

Ikun opportun illi qabel kull indaġini ta' din ir-raġuni prospettata mill-attriċi, tajjeb li jiġi ribadit il-ħsieb ġuridiku in materja ta' ritrattazzjoni. Il-ġudizzju tar-ritrattazzjoni "si compone di due stadi distinti da non confondersi l'uno coll'altro, detti dai pratici *il rescindente* e *il rescissorio*."[1]

Dak li jikkonċerna għalissa lill-Qorti hu proprju l-ewwel stadju tendenti għat-tħassir tas-sentenza li minnha qed tilmenta l-attriċi. Id-disposittiv tal-Artikolu 811 (b) jippostula żewġ elementi, u ċjoe`, (a) li l-parti sokkombenti fil-ġudizzju ma tkunx ġiet notifikata bl-att, u (b) li għalkemm mhux notifikata ma tkunx ukoll dehret għas-smigħ tal-kawża. Dan jikkonduċi lill-Qorti biex tindaga jekk in-notifika tal-att saritx fit-termini tal-Kapitolu 12.

Fir-Rikors Ġuramentat tagħha, l-attriċi *inter alia* tippremetti illi hija ma kinitx ġiet validament notifikata bl-atti tal-kawża fl-ismijiet inversi (Kawża Nru. 601/17) deċiża finalment fil-5 ta' Novembru 2018. Jokkorri għalhekk li l-Qorti teżamina l-korrettezza, o meno, ta' din il-premessa.

**Fatti:**

Mill-atti tal-kawża numru 601/17, jirriżultaw dawn l-aspetti l-aktar saljenti:

- Fir-Rikors Ġuramentat, intavolat fit-3 ta' Lulju 2017, l-indirizz hemm mogħti tal-konvenuta (attriċi fl-attwali stanza) hu 25, Triq Castro, Naxxar NXR 2406. Dan huwa l-indirizz uffiċjali ta' Eve Farrugia illi

[1] Robert Harrison noe –vs- Antonio Zammit noe, Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Dicembru 1915

intuża fi kwalunkwe dokument[2] u kuntratti ta' faċilitajiet bankarji li saru bejn il-partijiet fit-22 ta' Frar 2010 u 13 ta' Ġunju 2013[3].

- Illi l-attriċi tgħid illi hi ilha tgħix barra minn Malta, senjatament ġewwa l-Italja mis-sena 2010.

- Fit-24 ta' April 2017, meta l-attriċi kienet Malta u kienet tinsab fil-binja tal-Bank ġewwa n-Naxxar ġibdulha l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta' pagamenti magħmulha minnha u dakinhar stess kellha laqgħa mal-impjegati tal-Bank sabiex tiddiskuti kif se tħallas id-dejn lura u qablet bil-firma tagħha li kienet qed tirċievi *statements* bankarji fir-rigward.[4] Fuq id-dokument imsemmi hemm imniżżel bħala l-indirizz tagħha, l-istess indirizz li fih kienu qed isiru tentattivi ta' notifikata tal-kawza l numru 601/17.

- Wara din il-laqgħa, fid-9 ta' Mejju 2017 Alfred Ferrante għan-nom tal-Bank, bagħat *email* lill-attriċi li fih annetta l-ittra uffiċjali illi l-Bank diġa` kien preżenta ġewwa l-Qorti fil-25 ta' Jannar 2016. Fl-ittra uffiċċjali hemm imniżżel l-indirizz tan-Naxxar. Din kienet ġiet notifikata lilha permezz tal-proċedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni[5]. L-attriċi wieġbet lura permezz ta' email datat 15 ta' Mejju 2017 fejn skużat ruħha li wieġbet tard u li kienet se tibgħat proposta ta' ħlas il-ġimgħa ta' wara.[6] Imkien ma semmiet illi l-indirizz tan-Naxxar mhuwiex dak korrett jew li mhux tirrissjedi ġewwa Malta.

- Eventwalment fit-3 ta' Lulju 2017 infetħet il-kawża numru 601/17. Peress li l-uniku indirizz li l-Bank kellu kien tan-Naxxar, it-tentattivi ta' notifika saru hemm, l-ewwel fil-31 ta' Awwissu 2017 iżda 'ma fetaħ ħadd'[7]. Fit-22 ta' Settembru 2017 sar tentattiv ieħor ta' notifika iżda l-Marixxall ma sabx il-fond bin-numru 25 fit-triq imsemmija[8]. Fis-18 ta' Ottubru 2017 reġa' sar tentattiv ieħor ta' notifika iżda l-Marixxall reġa' ma sabx il-fond bin-numru 25 u żied kummenti mar-riferta illi għalkemm ma kienx hemm indikat in-numru tal-fond xorta ħabbat fuq il-bieb iżda ma fetaħ ħadd. Iżid illi " *meta mort l-ewwel darba sibt il-post u n-numru 25 u ma fetaħ ħadd. It-tieni darba mort fuq il-post u ma sibtx in-numru 25 fil-post u llum 18 ta' Ottubru 2017, ngħid u nizgura li gejt magħruf minn xi ġirien li joqogħdu f'din in-naħa li ma għadhomx joqogħdu hawn dawn in-nies u din id-dar tidher li qed tiġi rranġata b'hekk ma hemmx in-numru 25*."[9]

- fil-31 ta' Ottubru 2017, il-Bank ippreżenta rikors li permezz tiegħu wara li ppremetta illi l-aħħar residenza uffiċjali magħrufa ta' Eve Farrugia kien fl-indirizz 25, Triq Castro Naxxar NXR 2406 u tentattivi

[2] Ara Dok A a fol 8 u Dok C a fol 17 tal-process 601/17
[3] Dok B a fol 13 u Dok D a fol 22 tal-process 601/17
[4] Dok A a fol 15.
[5] Fol 89 u 90
[6] Dok KC a fol 113
[7] Wara ta' Fol 96
[8] Wara ta' fol 48
[9] Wara ta' fol 99

f'dan l-indirizz kienu kollha negattivi, talab sabiex issir notifika ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[10] Il-Qorti fid-9 ta' Novembru 2017 ordnat illi qabel xejn issir notifika wara l-ħinijiet legali[11].

- Eventwalment saret notifika fit-23 ta' Novembru 2017 mal-bieb fl-indirizz tan-Naxxar, mal-Kunsill Lokali Naxxar u mal-Għassa tal-Pulizija Naxxar[12] kif ukoll pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern fis-7 ta' Diċembru 2017 u fuq gazzetta lokali bl-ingliż fil-21 ta' Diċembru 2017[13].

- Billi ma tressqu l-ebda eċċezzjonijiet u Eve Farrugia qatt ma dehret għas-seduti ġiet presunta kontumaċi u wara li b'verbal tal-4 ta' Lulju 2018 ġiet mogħtija żmien ġimagħtejn biex tippreżenta sottomissjonijiet tagħha dan ma sarx. Is-sentenza ingħatat fil-5 ta' Novembru 2018.

- Sussegwentament ġew istitwiti proċeduri tas-subbasta bin-numru ta' referenza 1/2019 sabiex jinbiegħu l-immobbli li kienu ġew ipotekati favur il-Bank u kien f'dan l-istadju illi l-attriċi tgħid li saret taf bis-sentenza kontra tagħha peress li kienet infurmata mill-familjari tagħha li kienet intbagħtet ittra fejn intalab aċċess ġewwa l-immobbli li kienu ipotekati favur il-bank. Meta l-uffiċjal tal-Qorti mar biex jinnotifika lil Eve Farrugia bis-subbasta, persuna li sab fil-post bl-isem ta' Mandy Farrugia nfurmatu li Eve Farrugia possibilment kienet imsiefra.

**Ikkunsidrat:**

Huwa indiskuss illi l-validita` tas-sentenza li tagħha qed tintalab ir-revoka tiddependi fuq jekk in-notifika saritx konformement, jew le, ma' dak provdut mil-ligi. Artiklu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha. Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizzazzjonijiet oħra mill-qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijet differenti tal-ġurnata bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji.

[10] Fol 102
[11] Fol 104
[12] Fol 72
[13] Fol 73 u 76

(3) **Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat min-notifika** ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, **għalkemm ma tirriżultax li qiegħda barra minn Malta**, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil".

F'materja ta' notifiki ta' atti ġudizzjarji, il-liġi trid tiġi segwita ad litteram skont l-ittra tal-liġi. In-notifika tkun valida kemm-il darba ma jirriżultax mir-riferta tal-marixxall stess li l-persuna notifikanda ma tinstabx f'Malta. Il-liġi ma tirrikjedi xejn iżjed. F'dan il-każ ma rriżulta xejn minn dan u għalhekk ir-referta tal-Marixxall hija biżżejjed biex jirradika l-validita` tan-notifika. Billi l-indirizz tan-Naxxar kien l-uniku indirizz li Eve Farrugia tat lill-Bank, dan kien iġġustifikat li jipprova jinnotifikaha f'dak l-indirizz, u l-attentat ta' notifika baqa' validu anke jekk irriżulta li Eve Farrugia ma kinitx għadha toqgħod hemm[14] - u anke jekk jirriżulta li Eve Farrugia kienet tirrisjedi barra minn Malta.

Issa r-ritrattand isostni li l-Bank konvenut kien jaf li l-attriċi tinstab imsiefra l-Italja, u li allura messu mexa bil-proċedura ta' ħatra ta' kuraturi. Il-piż tal-prova ta' din l-allegazzjoni hija fuq spallejh.

L-indirizz 25 Triq Castro Naxxar ġie indikat minn Eve Farrugia bħala l-indirizz tagħha fit-transazzjonijiet bankarji li permezz tagħhom akkwistat il-faċilitajiet bankarji – 22.02.2010 (kuntratt pubbliku), Credit Agreement tal-04.12.2009, kuntratt pubbliku tat-13 ta' Ġunju 2013 u l-credit agreement tas-06.11.2012. Dan meta skontha sa mit-2010 kienet tgħix l-Italja. Minkejja dan hi ma nfurmatx lill-Bank bl-indirizz tagħha fl-Italja. Dan l-indirizz il-Bank ħadu minn fuq il-karta tal-identita` li għaddietlu Eve Farrugia. Oltre l-karta tal-identita` Eve Farrugia qatt ma tat xi dokument ieħor ta' residenza.[15] Fis-sena 2014 il-bank wara tiftix li għamel kellu nformazzjoni li Eve Farrugia kienet l-Italja u pprova jikkomunika magħha hemmhekk permezz ta' ittra legali. Din iżda ma kellha l-ebda eżitu fis-sens li ma kien hemm l-ebda rispons għaliha u għalhekk il-Bank ma setax jikkonferma l-

[14] Progress Press Co Ltd v Gaito Steer Chetham 24.11.2017 Appell Superjuri
[15] kontro-eżami ta' Eve Farrugia 23.11.2020

informazzjoni li kellu li Eve Farrugia kienet l-Italja. Kemm ir-reġistru elettorali għas-snin 2016 sa 2018 kif ukoll is-siti ta' kreditu kienu jagħtu l-indirizz tan-Naxxar. Fl-24 t'April 2017 saret laqgħa bejn Eve Farrugia u l-Bank. Skont Eve Farrugia, f'din l-okkażjoni nfurmat verbalment lil Agius Ferrante, uffiċjal tal-Bank li kienet toqgħod l-Italja.[16] Agius Ferrante ċaħad dan u żied li kien għamel notament fil-file li ma kinitx infurmatu li toqgħod barra. Il-verżjoni ta' Agius Ferrante hi iktar kredibbli għaliex dan kellu kull interess jindaga fejn kienet toqgħod debitriċi tal-bank li kien bi ħsiebu jieħu passi kontriha bil-Qorti. Daniel Farrugia, ħu Eve Farrugia, li kien preżenti għal-laqgħa, fl-ebda mument ma qal li nfurmaw lill-Bank li oħtu kienet tgħix l-Italja. L-attur għalhekk ma rnexxilux iġib prova konvinċenti li l-Bank kien jaf li Eve Farrugia kienet imsiefra.

Huwa minnu li, b'mod ġenerali, debitur m'għandux obbligu li jinforma lill-kreditur fejn joqgħod. B'danakollu, f'dan il-każ partikolari jirriżulta li Eve Farrugia kellha dan l-obbligu *ex contractu* mill-*credit agreement* li kkuntrattat mal-Bank. Għal dan in-nuqqas, *imputet sibi*.

Ġaladarba n-notifika kienet valida, Eve Farrugia waqgħet kontumaċi u mhux rilevanti meta saret taf bis-sentenza. Il-Qorti tista' tieqaf hawn.

**Dekadenza:**

B'danakollu tħoss li huwa doveruż li tkompli tgħid li ankorke` n-notifika kellha titqies bħala waħda mhux valida, xorta waħda t-talba għar-ritrattazzjoni ma tistax tirnexxi billi l-attur ma ppruvax li Eve Farrugia ma kinitx taf bis-sentenza fid-data li ngħatat. Il-post tan-Naxxar huwa proprjeta` ta' Eve Farrugia. Dan il-post, minkejja l-assenza tagħha, ma kienx magħluq u abbandunat. Missierha xehed li kultant kien imur jagħtih daqqa t'għajn; ħuha l-attur stqarr li kultant kien jorqod hemm; u meta sar attentat ta' notifika bil-proċeduri tas-subbasta, fetħet il-bieb ċerta Mandy Farrugia li milli jidher hi membru tal-familja ta' Eve Farrugia. Għalhekk mhuwiex verosimili li l-ebda wieħed minn dawn il-familjari ma ra l-avviżi tal-affissjoni tal-ittra uffiċjali u tal-kawża ritrattanda mwaħħla mal-faċċata tad-dar.

Eve Farrugia saret taf bil-kontenut tal-ittra uffiċjali li permezz tagħha l-Bank kien qiegħed jinterpellaha għall-ħlas u jwissiha li fin-nuqqas kien sejjer jieħu passi bil-Qorti kontra tagħha u saħansitra kellha laqgħa ma' uffiċjali tal-Bank dwar dan. Għalhekk kienet taf, jew kellha tkun taf, bl-imminenza tal-proċeduri ġudizzjarji. Mhux biss imma. Jirriżulta mill-atti tal-proċess minn *email* mibgħuta minn ċerta Celine Borg għad-ditta tal-avukati Mamotcv lill-Credit Recovery Unit tal-Bank li waqt is-smigħ tal-kawża, ġiet ikkuntattjata minn Dr Larry Formosa, avukat ta' Eve Farrugia li wiegħdha li jagħmel "*repayment proposal* *<u>before the next sitting</u>*"[17]. L-avukat tal-Bank konvenut Dr. Kevin Cutajar xehed illi fil-mori tal-kawża ritrattanda – ftit ġimgħat qabel

[16] kontro-eżami 23.11.2020

[17] fol 157

> ingħatat is-sentenza - il-legali tal-attriċi Dr Larry Formosa ċempillu "fejn bażikament kien kellimni dwar din il-kawża, ma kellimnix fit-tul pero` kien urieni f'dik il-kawża illi kienu jafu biha dil-kawża. Tant hu veru illi aħna min-naħa tagħna bħala Bank kif nagħmlu dejjem tlabna proposta ta' ħlas".[18] L-avukat Cutajar ma ġiex ikkontro-eżaminat. Huwa ovvju għalhekk li Eve Farrugia kienet qiegħdha, tramite l-konsulent legali tagħha, issegwi l-kawża mill-qrib. Għalhekk il-Qorti hija moralment konvinta li Eve Farrugia kienet taf bid-data tas-sentenza fiż-żmien li din ingħatat."

3. Rat ir-rikors tal-appell tar-ritrattand li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-appell, billi tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Diċembru, 2021, billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-bank ritrattat appellat u tilqa' t-talbiet kollha tar-ritrattand appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess bank appellat.

4. Rat ir-risposta tal-appell tal-kumpanija BNF Bank plc, ġia` Banif Bank (Malta) plc, li permezz tagħha wieġbet li din il-Qorti għandha tiċħad ir-rikors tal-appell u l-aggravji kollha msemmija fih u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Diċembru, 2021. Bl-ispejjeż tal-istanzi kollha kontra l-appellanti.

5. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu reċentement permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri

[18] fol 152

bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

7. Fil-5 ta' Novembru, 2018, kienet ingħatat sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'kawża fl-ismijiet Banif Bank (Malta) plc v. Eve Farrugia (li ġġib referenza 601/2017). B'dik is-sentenza, li minnha ma sar ebda appell, il-Qorti kienet laqgħet it-talbiet tal-Bank attur, u ddeċidiet il-kawża bid-dispensa tas-smigħ skont l-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12; iddikjarat lill-konvenuta debitriċi tal-bank attur fl-ammont ta' €426,701.10 u kkundannat lill-istess konvenuta, sabiex tħallas is-somma ta' €426,701.10, bl-imgħax dekorribbli mid-9 ta' Ġunju, 2017 sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta. Il-Bank fittex l-eżekuzzjoni tas-sentenza permezz tal-ħruġ ta' mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ immobbli u bil-bejgħ *sub hasta* ta' żewġ proprjetajiet tal-attriċi tallum, sabiex il-Bank jottjeni l-ħlas tad-debitu lilu dovut. L-attur *nomine* mbagħad fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-Qorti ssib: i. illi ma tiswiex is-sentenza tal-5 ta' Novembru, 2018, minħabba nuqqas ta' notifika valida u għalhekk hemm lok għar-ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; ii. kwindi tirrexxindi s-sentenza tal-5 ta'

Novembru, 2018, u iii. konsegwentement, tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża msemmija.

8. L-ewwel Qorti filwaqt li laqgħet it-tieni u s-sitt eċċezzjonijiet tal-Bank ritrattat, ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

9. Ir-ritrattand *nomine* ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-appell tiegħu jissejjes fuq tliet aggravji prinċipali:

(I) Filwaqt li l-ewwel Qorti enunċjat tajjeb il-prinċipji legali dwar kif għandha ssir in-notifika skont l-Artikolu 187 tal-Kap. 12, kif ukoll il-konsegwenzi ta’ nuqqas ta’ notifika valida għall-fini tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12, iżda jilmenta dwar l-interpretazzjoni legali li ngħatat għall-fattispecie tal-każ. Jinsisti li Eve Farrugia ma ġietx notifikata skont l-Artikolu 187, għaliex finalment in-notifika bl-affissjoni ssir meta persuna tinsab tirrisjedi hawn Malta, mentri huwa fatt inkontrastat li l-attriċi fil-mument tan-notifika ma kenitx tirrisjedi f’dawn il-gżejjer. Isostni li filwaqt li l-ewwel Qorti qalet sew li debitur m’għandux obbligu li jinforma lill-kreditur fejn joqgħod, iżda mbagħad iddeċidiet li f’dan il-każ partikolari l-attriċi kellha obbligu *ex contractu* minn ftehim ikkuntrattat mal-bank. Mentri jargumenta li n-nuqqas ta’ Eve Farrugia li tinforma lill-bank fejn tirrisjedi huwa inadempiment ta’ obbligu kuntrattwali li jista’ jagħti lok biss għal reintegrazzjoni, jew b’eżekuzzjoni speċifika jew permezz ta’ kawża

ta' danni. Ir-rabta li kellha l-attriċi li tinforma lill-bank fejn toqgħod ma ġġibx ukoll obbligu skont l-Artikolu 187 li l-konvenut għandu jinforma lill-attur bil-post tar-residenza tiegħu. Jisħaq li dan l-obbligu ma jeżistix, la qabel ma jibdew il-proċeduri u lanqas matul il-kors tal-proċeduri legali jekk il-konvenut jiddeċiedi li jbiddel r-residenza tiegħu mingħajr ma jinforma lill-attur.

(II) It-tieni lment tal-attur nomine, huwa fis-sens li l-ewwel Qorti żiedet elementi li ma jeżistux fl-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 u ċioe` li konvenut li jallega nuqqas ta' notifika, irid ukoll jipprova li ma kienx jaf bis-sentenza meta l-provvediment tal-liġi nvokat minnu ma jgħid xejn f'dan is-sens. Anzi jsostni li dan il-provvediment tal-liġi jagħti lil wieħed x'jifhem li jekk għal xi raġunijiet tagħha l-parti telliefa, għalkemm tkun taf bil-proċeduri ma tagħmel xejn, hija tista' tinvoka dan is-subartikolu, basta ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża.

(III) Fit-tielet aggravju jingħad li, il-fatt li l-attriċi kienet taf li l-bank "kien sejjer jieħu passi bil-qorti kontra tagħha", mhix raġuni valida li tissana l-invalidita tan-notifika skont l-Artikolu 811(b). L-imminenza jew ix-xjenza li l-bank kien ser jieħu passi ma tista' qatt tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' notifika valida skont il-liġi. F'dan l-aggravju jiġi enfasizzat li l-provvediment tal-Artikolu 187 huwa wieħed ta' ordni pubbliku u allura l-ebda ftehim privat jew presupposizzjoni ta' fatt li jista' jiġri ma tista' tissanahom. Jiġi ribadit li l-fatt li l-avukat tagħha jew il-qraba tagħha kienu jafu bil-proċeduri li kienu se jittieħdu, ma jammontax għal notifika skont il-

liġi, peress li la l-qraba u lanqas l-avukat tagħha ma huma messaġġiera tal-Qorti, aktar u aktar meta si tratta minn att promotur ta' proċeduri eżekuttivi fil-konfront tal-attriċi.

10. Fir-rigward it-tema ta' ritrattazzjoni, ssir referenza għall-prinċipji mfissra minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Frar, 2022, fil-kawża fl-ismijiet **Paul Piscopo et v. Kontrollur tad-Dwana**:

> *"13. Illi bħalma ngħad bosta drabi f'każijiet fejn jintalab it-tħassir ta' sentenza li ttemm kwestjoni u s-smigħ mill-ġdid tal-każ, ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabbiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija[19]. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju in rescindente din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;*
>
> *14.* ***Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi[20]. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li res judicata pro veritate habetur;***
>
> ***15. Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li, taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, il-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġa` magħmulin mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-Artikolu 811 tal-Kodiċi[21]****;"* (enfasi ta' din il-Qorti).

[19] App. Ċiv. 12.3.2019 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tas-Saħħa Pubblika et
[20] App. Ċiv. 7.3.1996 fil-kawża fl-ismijiet Causon v. Portelli noe et (Kollez. Vol: LXXX.ii.464)
[21] App. Inf. PS 20.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Catherine Caruana et. v. Anna Schembri et

11. Illi għandu jingħad mal-ewwel, li din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant *nomine* in kwantu fl-ewwel aggravju tiegħu jattakka l-interpretazzjoni mogħtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ mhuwiex kontestat li fin-nuqqas li ssir in-notifika skont kif jitlob l-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12, kellu japplika l-Artikolu 187(3). Filwaqt li ssir referenza għas-subinċiż ċitat mill-ewwel Qorti, jiġi osservat li għall-validita` tan-notifika a tenur ta' dan is-subartikolu jeħtieġ li: (i) n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u (ii) billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-Qorti tiddeċiedi, u (iii) meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. In-notifika fil-każ in kontestazzjoni (li jġib referenza 601/2017) fil-fatt saret bil-proċedura tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetta oħra lokali (ara fol. 74 u 76 tal-proċess) u l-affissjoni saret mad-dar tan-Naxxar, il-Kunsill Lokali u l-Għassa tal-Pulizija fin-Naxxar (ara fol. 72) ghall-finijiet tal-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-proċedura ta' notifika saret validament peress li saret bil-metodi kollha kontemplati fil-liġi, ladarba mir-referti preċedenti tal-marixxall tal-Qorti, ma jirriżultax li Eve Farrugia kienet qegħda tirrisjedi barra minn Malta (ara fol.118) .

12. Hekk ukoll, mill-informazzjoni li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-Bank ritrattat, senjatament mill-ftehim ta' *credit facilities* datati 4 ta' Diċembru, 2009, u 6 ta' Novembru, 2012, (a fol.32 u 46), u l-kuntratt pubbliku li sar mill-attur *nomine* fit-13 ta' Ġunju, 2013 (a fol. 55) kollha jindikaw l-indirizz 25, Triq Castro, Naxxar, bħala l-indirizz ta' Eve Farrugia bħala d-debitriċi. Kwindi minkejja li l-istess Eve Farrugia tiddikjara li kienet ilha toqgħod l-Italja sa minn Awwissu tas-sena 2010, jirriżulta li kien hemm diversi okkażjonijiet fejn hija kienet proprju hawn Malta u tat l-indirizz tan-Naxxar bħala l-indirizz tar-residenza tagħha. Inoltre minn tiftix li wettaq il-Bank, irriżulta wkoll li kemm ir-Registri Elettorali ta' bejn l-2016 u l-2018 (fol.124 sa129 tal-proċess), kif ukoll is-siti ta' kreditu (Dok. "B" a fol. 23) kienu jagħtu n-Naxxar bħala l-indirizz tagħha. Isegwi li, apparti korrispondenza li tindika li d-debitriċi kienet tivvjaġġa barra fuq xogħol (ara Dok. AF 2 a fol. 123 tal-proċess), ma kien hemm xejn x'iwassal lill-Bank kreditur jagħraf li r-residenza tad-debitriċi "kienet qegħda barra minn Malta". Kwindi ma kien hemm xejn irregolari fil-mod kif ir-ritrattanda *proprio* appellanti ġiet notifikata bl-atti tal-kawża in kontestazzjoni (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-28 ta' Jannar, 2015, fil-kawża fl-ismijiet **Malta School of Flying Co Ltd v. Shaker Asleh**). Għalhekk kien jispetta lill-attur *nomine*, bħala l-parti li qegħda tikkontesta l-validita` tan-notifika, li jipprova b'mod konvinċenti li l-Bank kien jaf li Eve Farrugia kienet residenti barra minn Malta, iżda dan m'għamlux.

13. Għalkemm debitur m'għandux obbligu ġenerali jinforma lill-kreditur bl-indirizz tar-residenza tiegħu, tabilħaqq jirriżulta li d-debitriċi tat l-indirizz tan-Naxxar fuq iż-żewġ *credit facility agreements,* li jikkontemplaw dikjarazzjoni nveritiera, żbaljata jew żvijanti, bħala waħda mir-raġunijiet li jwassal lill-Bank sabiex jitlob l-ammont sħiħ dovut u għalhekk jagħmel *call in* (ara fol.38 u 53 tal-proċess). Għalkemm dan in-nuqqas huwa tassew ta' natura kuntrattwali, li m'għandux x'jaqsam mal-ħtiġijiet ta' notifika skont kif jitlob l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12, il-Qorti xorta tista' tasal għall-konvinċiment tagħha dwar in-notifika tal-att in kwistjoni. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Progress Press Co Limited v. Gaito Steer Chetham eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' GS Marketing,** jekk mill-atti tal-kawża jirriżulta li parti tinnotifika lill-kontro-parti fl-uniku indirizz li tkun ipprovditilha dik il-kontro-parti, ma kien hemm xejn wisq aktar li l-appellat seta' jagħmel u għalhekk l-appellant ma jista' jwaħħal f'ħadd ladarba l-appellat ikun għamel dak kollu li tipprovdi l-liġi.

14. Inoltre, kif osservat mill-ewwel Qorti, għalkemm il-post tan-Naxxar kien ta' Eve Farrugia, dan il-post ma kienx abbandunat, tant li missierha xehed li kien imur kultant sabiex jagħti daqqa t'għajn, filwaqt li ħuha stqarr li xi kultant kien imur jorqod hemm. Fil-fatt f'bosta kopji mir-reġistri elettorali, Daniel Farrugia jirriżulta wkoll li huwa reġistrat bħala residenti

fl-istess indirizz! Dan ikompli jsaħħaħ il-fehma ta' din il-Qorti li n-notifika tal-atti tal-kawża in kontestazzjoni, mhux biss ġew notifikati validament, iżda wkoll li ġew a konjizzjoni tad-debitriċi, tant li l-avukat tagħha kien konsapevoli tal-proċeduri ntavolati fil-konfront tagħha, li avviċina lill-avukat difensur tal-Bank ritrattat fir-rigward tal-istess proċeduri (ara xhieda ta' Dr. Kevin Cutajar a fol. 152 u fol. 157 tal-proċess). Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Mejju, 2011, fil-kawża fl-ismijiet **Frances Bergedahl nomine v. Francis Formosa:**

> "*Kif qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza Elmo Insurance Ltd. et. v. Mangion, deciza fit-12 ta' Jannar, 2005, "hi ammissibbli kull prova li tista' twassal ghal konvinciment morali tal-Qorti dwar il-fatt tan-notifika tal-att de quo" (ara wkoll Sacco v. Agius, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 2006)."*

15. Dik il-Qorti kompliet tfisser li l-liġi timponi kriterji oġġettivi u ladarba jirriżulta li dak li trid il-liġi, għall-fini ta' notifika, twettaq, il-konvenut f'kawża għandu jitqies notifikat, għal kull fini u effett tal-liġi u mhux imħolli li l-konvenut jistultifika l-iskop tal-liġi billi jittanta jsib mezz kif jaħrab in-notifika. Wara kollox, id-diversi mezzi ta' notifika, inkluż dawk ta' pubbliċita`, kif tipprovdi l-liġi, ġew magħmula proprju sabiex jindikaw *iuris et de iure* <u>notifika personali</u> u ladarba dak li trid il-liġi ġie esegwit, il-parti hekk notifikata ma tistax taħrab mill-effetti tal-istess. Li kieku l-Qorti tagħti lok għal kriterji soġġettivi, dan mhux biss jista' jagħti lok għal abbuż, iżda jiġi mminat l-effett ta' *res iudicata* billi jinfetħu l-bibien għar-ritrattazzjoni taħt l-Artikolu 811(b) tal-istess Kap. 12. (ara **Bergedahl nomine v. Formosa**). Isegwi li l-ewwel aggravju tar-ritrattand appellant li l-ewwel

Qorti żbaljat fl-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 għall-fatti tal-każ, ma jreġix u għalhekk mhuwiex ser jiġi milqugħ.

16. Din il-Qorti ma taqbilx anqas fir-rigward tat-tieni aggravju tar-ritrattand appellant, li l-ewwel Qorti żiedet l-elementi fl-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12, li ma jeżistux, fis-sens li konvenut li jallega nuqqas ta' notifika jrid ukoll jipprova li ma kienx jaf bis-sentenza. Dan jingħad peress li, kuntrarjament għal dak li jsostni r-ritrattand appellant, l-ewwel Qorti qalet li lil hinn mill-kwistjoni ta' jekk in-notifika kinitx waħda valida, l-attur *nomine* xorta ma rnexxilux jipprova li Eve Farrugia ma kenitx taf bis-sentenza kkontestata. Ma ngħadx hekk mill-ewwel Qorti bħala żieda fl-elementi tal-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12, rigwardanti r-ritrattazzjoni, iżda dan ingħad minnha fid-dawl tal-fatt li mill-provi in atti rriżulta li missier Eve Farrugia kien imur jagħti daqqa t'għajn il-post fin-Naxxar, ħuha Daniel xi kultant kien imur jorqod hemm u ċerta Mandy Farrugia, membru ieħor tal-familja tagħha (skont il-kuntratt tat-13 ta' Ġunju, 2013, deskritta a fol. 57 bħala l-mara ta' ħuha Daniel, li wkoll jingħad li kienet tirrisjedi fl-istess fond!) kienet hemm meta sar attentat ta' notifika tal-proċeduri tas-*sub hasta* kompla jikkonvinċi lill-ewwel Qorti li xi wieħed minn dawn kien ra d-dokumenti tal-affissjoni tal-kawża in kontestazzjoni mwaħħla mal-faċċata tad-dar u għalhekk id-debitriċi kienet taf bil-proċeduri tal-Bank. Dan apparti l-fatt imsemmi qabel tal-avukat tagħha li avviċina l-avukat tal-Bank

li kompla jikkonvinċi lill-ewwel Qorti li tabilħaqq hija kienet taf dwar il-proċeduri li wasslu għas-sentenza in kontestazzjoni.

17. Jonqos li jiġi trattat l-aħħar aggravju, dak fejn ir-ritrattand appellant jilmenta dwar il-fatt li l-attriċi kienet taf li l-bank "kien sejjer jieħu passi bil-qorti kontra tagħha", mhix raġuni valida li tissana l-invalidita` tan-notifika skont l-Artikolu 811(b). Jiġi ribadit li, ladarba tqies li n-notifika tar-ritrattanda *proprio* appellanti kienet waħda valida skont l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12, l-argument tar-ritrattand appellant ma jreġix. Il-konvinċiment tal-ewwel Qorti, kif ukoll ta' din il-Qorti li r-ritrattanda appellanti kienet taf bil-kawża qabel ma ngħatat is-sentenza, mhuwiex fis-sens li tiġi validata n-notifika, iżda b'rabta mal-fatt li hija kienet tilfet id-dritt tagħha li titlob ritrattazzjoni. Dan jingħad fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni tal-Bank ritrattat appellat, li ntlaqgħet mill-ewwel Qorti. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-7 ta' Lulju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Said International Limited v. MAC Limited** – Appell Ċivili 3/2001/1:

> "*Issa l-Artikolu 818 (1) sub-paragrafu (b) jiddisponi illi "z-zmien illi fih tista' ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jghodd, fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (b)(Art 811), mill-gurnata li fiha l-attur ikun gie jaf bis-sentenza".*
>
> *"Provvediment dan illi jfisser kjarament illi kull ma jenhtieg biex jibda jiddekorri t-terminu huwa li l-attur ikun gie a konoxxenza tal-fatt li inghatat is-sentenza. **L-ebda formalita` ma hija mehtiega biex jigi kostatat il-fatt ta' konoxxenza ta' l-attur ta' l-ezistenza ta' din is-sentenza. Dan il-fatt jista' jigi arguwit u dezunt mill-provi u cirkostanzi li jnisslu fil-gudikant il-konvinciment li l-attur kien jaf** jew li hu ma setghax ikun qed jitlob ir-ritrattazzjoni fil-mument meta l-provi hekk juru" - "Joseph Mangion et –vs-Joseph Cassar", Appell, 27 ta' April 1999."*

18. Għalhekk mhux imħolli lir-ritrattanda appellanti li minkejja li kellha l-għarfien tal-prosegwiment tal-kawża fil-konfront tagħha li wasslet għas-sentenza oriġinali, issa titlob rimedju straordinarju bħalma hija kawża ta' ritrattazzjoni wara li naqset milli tappella mis-sentenza oriġinali. Din hija raġuni valida oħra l-għala r-ritrattanda *proprio* appellanti ma kellhiex tingħata raġun, li hija indipendenti mill-kwistjoni tal-validità tan-notifika. Għalhekk lanqas dan l-aħħar aggravji tar-ritrattand *nomine* appellant ma jimmerita li jintlaqa' u ser jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, tiċħad l-appell tar-ritrattand appellant Daniel Farrugia *nomine* u tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Diċembru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-sħiħ. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur *nomine*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr